**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 24 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 72/20 CZ**

**Naomi Ellul**

**vs.**

**Anton Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fis-6 ta' Marzu 2020, li biha premettiet:

Dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) rapprezentanti self brevi manu durante relazzjoni li kienu fiha l-partijiet sabiex il-konvenut jixtri vettura tad-ditta Toyota Hilux bit-tarka ta' registrazzjoni 'HBW 932'. Hekk kif ir-relazzjoni taghhom intemmet, il-konvenut irrifjuta li jikkonsenja lura dan is-self minghajr raguni valida fil-ligi.

Minkejja illi gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont hekk dovut minnu, inkluz b'ittra ufficcjali datata 7 t'Ottubru 2019 u bir-referenza numru 3092/2019, il-konvenut baqa' inadempjenti; ghaldaqstant kellha ssir din it-talba.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra ufficcjali surriferita u tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data li tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi r-risposta u kontro-talba tal-konvenut gew sfilzati b'digriet tat-18 ta' Novembru 2020;

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra l-affidavits ta' Pierre Brincat, Anthony Ellul, Nicole u Nave Ellul, Graziella Ellul, u tal-attrici nfisha.

Ra n-nota ta' sottomissjonijet finali tal-konvenut.

Ra illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob il-hlas lura ta' self fl-ammont ta' hamest'elef Euro (€5,000) li hija tallga li silfet brevi manu lill-konvenut.

Illi l-attrici xehdet illi kienet f'relazzjoni mal-konvenut, u l-konvenut ried jixtri van. Sabiex jithallas dan il-van, l-attrici hallset hames mitt Euro (€500) fit-22 ta' Settembru 2018, seba' mitt Euro (€700) ohra fil-25 ta' Settembru 2018, u tlett'elef u tmin mitt Euro (€3,800) fit-3 t'Ottubru 2018. Il-bqija tal-hlasijiet kienet ghamlithom oht il-konvenut u l-konvenut stess. L-attrici tghid illi silfet dawn il-flus lill-konvenut `ghal zmien qasir`, minghajr ma tispecifika izda dan iz-zmien kemm kien itul. Tghid ukoll illi l-konvenut kien qalilha li dan l-ammont ma kienx ha jtihulha lura b'pika.

Illi Anthony Ellul, missier l-attrici, qal li kien kellem lill-konvenut dwar dan id-dejn u dan tal-ahhar kien qallu li kien ha jhallas bin-nifs.

Illi Pierre Brincat, iz-ziju tal-attrici, ftakar illi l-konvenut quddiemu kien qal illi l-attrici kienet silfitu madwar hamest'elef Euro.

Illi hut l-attrici, Nicole u Nave Ellul, xehdu illi quddiemhom stess l-attur kien irringrazzja lill-attrici talli silfitu l-flus, u li kien ikkonferma quddiemhom li kellu jtihomlha.

Illi omm l-attrici, Graziella Ellul, xehdet illi lilha stess il-konvenut kien qalilha li ha jhallas lill-attrici.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici silfet l-ammont imsemmi fil-kawza fuq tliet darbiet differenti, u dan bl-iskop li l-konvenut jixtri van. Ma saritx kitba jew ftehim bejn il-partijiet f'dan is-sens, izda l-attrici qalet li dan m'ghamlitux ghaliex il-partijiet kienu f'relazzjoni.

Illi l-konvenut jargumenta fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu illi l-ammont mitlub mill-attrici ma kienx self izda rigal. Isostni wkoll illi dan is-self, jekk kien self, lanqas kellu data minn meta kien ha jigi dovut.

Illi dwar l-ewwel argument tal-konvenut, cioe' dak li ma huwiex car jekk is-somma in kwestjoni kinitx self jew rigal, ghandu jinghad illi l-mod ta' kif ghaddiet din is-somma ma jindikax li kienet rigal. Fl-ewwel lok, din kienet ghaddiet permezz ta' tliet pagamenti f'dati differenti, u cioe' zewg pagamenti fil-bidu li kienu izghar, u pagament ahhari li kien l-akbar wiehed. It-Tribunal jifhem illi kieku din kienet rigal, dan ma kienx jinghata b'mod spezzettat u f'somom varji. Kif indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut, l-attrici kienet ghadha wkoll zghira, bejn wiehed u iehor ta' ghoxrin sena, u dan il-fattur jittiehed ukoll in konsiderazzjoni meta wiehed iqis jekk kinitx verament tat rigal, ta' dik l-eta', ta' hamest'elef Euro (€5,000) lill-konvenut.

Illi kwantu ghall-argument tal-konvenut fejn qal illi ma giex stabbilit meta s-self kien ha jsir dovut, it-Tribunal jaghmel referenza ghal Artikoli 1077 u 1078 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu:

1077. Meta ma jkun ġie stabbilit ebda żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din għandha tiġi esegwita minnufih, iżda dan kemm-il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih għandhatiġi esegwita, jew il-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tagħha, ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien li, jekk ikun hemm bżonn, jiġi stabbilit mill-qorti.

1078. Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:

(a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew, fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha tingħata bl-imgħax;

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-attrici, meta harget il-flus, ghamlet xi kundizzjoni lill-konvenut, fis-sens li allura halliet f'idejn il-konvenut sabiex jesegwixxi l-obbligazzjoni (ossia jhallasha lura) meta jkun jista', jew meta jkollu l-mezzi biex jesegwiha. Lanqas ma jirrizulta li l-partijiet ftehmu fuq xi tip ta' imghax. F'dak il-kaz ghalhekk, ir-radd lura tas-somma mislufa kellu jsir fi zmien sentejn[1]. Illum ghalhekk ghadda zmien bizzejjed biex l-attrici tkun tista' tinsisti ghall-hlas[2], ghaliex is-sentejn ghaddew u l-perjodu mahsub mil-ligi nfisha ghadda wkoll. Ghalhekk l-argument tal-konvenut dwar meta l-hlas sar dovut, huwa indirizzat mil-ligi nfisha u ma jregix.

Illi l-konvenut ghamel sottomissjoni wkoll dwar il-kredibilita` tal-attrici, fejn qal ukoll illi l-attrici ma tatx bizzejjed dettalji dwar kif, lil min u fejn thallsu l-flus in

[1] Ara wkoll is-sentenza *Rita armla minn Espedito Coleiro vs. Joseph G. Coleiro et noe.*, Qorti tal-Appell, 5 t'Ottubru 1998.
[2] It-tielet u l-ahhar hlas li ghamlet kien fit-3 t'Ottubru 2018.

kwestjoni. Lit-Tribunal jirrizultalu illi l-attrici kienet cara dwar l-ammonti li hallset, kemm hallset u meta hallsithom. Kienet taf ir-retroxena tal-hlasijiet, u kif ukoll kemm kien jiswa l-van in kwestjoni, tant li esebiet anke reklam tieghu. Ghalhekk lanqas dan l-argument tal-konvenut ma jregi. Similment, lanqas ma jregi l-argument tal-konvenut illi l-attrici ma pruvatx it-talba taghha. F'sitwazzjonijiet bhal dawn, fejn wiehed jislef *brevi manu* u fl-assenza ta' skritturi f'dan is-sens, specjalment fil-kuntest ta' relazzjoni bhal dik odjerna, hafna mill-piz tal-prova jaqa' fuq il-kredibilita' ta' dak li qed jallega li ghandu jithallas. Ghat-Tribunal, l-attrici hija kredibbli u ma seta' jsib xejn li jxejjen il-kredibilita' taghha. Dak li l-konvenut allega li kienet konfuzjoni da parti tal-attrici stess fl-ammonti li silfet, ma hija konfuzjoni xejn u t-Tribunal anzi rrizultalu illi l-attrici kienet cara f'dak li silfet, kemm silfet, u meta hargu l-flus. Dan huwa korroborat mhux tant biss mic-cirkostanzi ta' retroxena li l-attrici wkoll spjegat, izda anke mix-xiehda l-ohra li xehdu illi l-konvenut kien stqarr maghhom li kien ha jhallas lura lill-attrici bin-nifs, b'ammissjoni ghalhekk ta' dan id-dejn.

Illi minkejja illi r-risposta tal-konvenut giet sfilzata, ghar-ragunijiet misjuba fl-atti, it-Tribunal qies is-sottomissjonijiet tieghu, kif fuq spjegat, u qies ukoll illi qed jikkontesta t-talbiet tal-attrici; izda lit-Tribunal xorta wahda jirrizultalu illi t-talbiet tal-attrici jisthoqq li jintlaqghu, ghar-ragunijet fuq imsemmija.

Illi ghal-fini ta' kompletezza, it-Tribunal jerga' jirrileva illi r-risposta tal-konvenut, flimkien mal-kontro-talba tieghu kienu gew sfilzati u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux iktar x'iqis f'din il-kawza hlief it-talba promotrici tal-attrici.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attrici, u jordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur